# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1780

**tad-29 ta' Settembru 2016**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fiil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ([1]) (il-"Ftehim") jistabbilixxi Kumitat Konġunt (il-"Kumitat Konġunt"). Dan jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu, b'mod partikolari, jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jipprevedi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu jew soġġorni intenzjonati fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

(3) Linji gwida komuni huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata sħiħa tal-Ftehim mill-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri u biex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Partijiet għall-Ftehim li jkomplu japplikaw għal ħruġ ta' viżi mhux koperti mill-Ftehim.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ([3]); għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([4]). Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 52, 25.2.2011, p. 34.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002. p. 20).

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fiil-Kumitat Konġunt stabbilit taħtl-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŽIGA

ABBOZZ

## DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT TAĦT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠEORĠJA DWAR L-IFFAĊILITAR TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI

**ta'**

**fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ([1]) (il-"Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi huma indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …

*Għall-Unjoni Ewropea* *Għall-Ġeorġja*

---

([1]) ĠU L 52, 25.2.2011, p. 34.

*ANNESS*

LINJI GWIDA KOMMUNI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠEORĠJA DWAR L-IFFAĊILITAR TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI

L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi (il-"Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011, huwa li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal soġġorn previst ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja.

Il-Ftehim jistabbilixxi, fuq il-bażi ta' reċiproċità, drittijiet u obbligi legalment vinkolanti għall-iskop tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini tal-Ġeorġja.

Dawn il-Linji Gwida, adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit taħl-Artikolu 12 tal-Ftehim, (il-"Kumitat Konġunt"), għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni korretta u armonizzata tal-Ftehim mill-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri tal-Unjoni ("Stati Membri"). Dawn il-Linji Gwida mhumiex parti mill-Ftehim u għalhekk mhumiex legalment vinkolanti. Madankollu, huwa rrakkomandat ħafna li l-persunal diplomatiku u konsulari jsegwuhom b'mod konsistenti meta jimplimentaw il-Ftehim.

Hemm l-intenzjoni li dawn il-Linji Gwida jiġu aġġornati fid-dawl tal-esperjenza miksuba dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat Konġunt.

Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kontinwata u armonizzata tal-Ftehim u f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi, il-Partijiet qablu li jkollhom kuntatti informali bejn il-laqgħat formali tal-Kumitat Konġunt, sabiex jittrattaw kwistjonijiet urġenti. Rapporti dettaljati dwar dawn il-kwistjonijiet u l-kuntatti informali jiġu preżentati fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi.

## I. KWISTJONIJIET ĠENERALI

### 1.1. Għan u kamp ta' applikazzjoni

L-Artikolu 1(1) tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. L-għan ta' dan il-Ftehim hu li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi għal soġġorn previst ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja".

Il-Ftehim japplika għal ċittadini kollha tal-Ġeorġja li japplikaw għal viża għal soġġorn qasir, irrispettivament mill-pajjiż tar-residenza tagħhom.

Il-Ftehim ma japplikax għal persuni apolidi li jkollhom permess ta' residenza maħruġ mill-Ġeorġja. Ir-regoli tal-acquis tal-Unjoni dwar il-viżi japplikaw għal dik il-kategorija ta' persuni.

L-Artikolu 1(2) tal-Ftehim jipprevedi li:

"2. Jekk il-Ġeorġja terġa' ddaħħal ir-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha jew għal xi kategoriji ta' ċittadini tal-Istati Membri kollha, l-istess faċilitazzjonijiet mogħtija taħt dan il-Ftehim liċ-ċittadini tal-Ġeorġja jkunu awtomatikament, fuq bażi ta' reċiproċità, japplikaw għaċ-ċittadini konċernati tal-Unjoni.".

Mill-1 ta' Ġunju 2006, iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u persuni apolidi li jkollhom permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża meta jivvjaġġaw lejn il-Ġeorġja għal perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx id-90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum jew meta jaqsmu mit-territorju tal-Ġeorġja.

Sabiex ikun evitat li l-Ġeorġja titratta b'mod diskriminatorju ċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew aktar, jew ċerti kategoriji ta' dawn iċ-ċittadini, f'Dikjarazzjoni annessa mal-Ftehim, l-Unjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim, f'każ li l-Ġeorġja ddaħħal mill-ġdid ir-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew għal ċerti kategoriji ta' dawn iċ-ċittadini.

1.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim

L-Artikolu 2 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. L-iffaċilitar tal-viżi previst f'dan il-Ftehim japplika għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja biss safejn ma jkunux eżenti mir-rekwiżit tal-viża bil-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, b'dan il-Ftehim jew bi ftehimiet internazzjonali oħra.

2. Il-liġi nazzjonali tal-Ġeorġja jew tal-Istati Membri jew il-liġi tal-Unjoni għandha tapplika fi kwistjonijiet li mhumiex koperti minn dan il-Ftehim, bħar-rifjut li tinħareġ viża, ir-rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, evidenza ta' mezzi ta' għajxien suffiċjenti u r-rifjut tad-dħul u miżuri ta' espulsjoni.".

Il-Ftehim, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 tiegħu, ma jaffettwax ir-regoli eżistenti dwar l-obbligi tal-viża u l-eżenzjonijiet mill-viża. Pereżempju, l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 ([1]) jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw mir-rekwiżit ta' viża, fost kategoriji oħra ta' persuni, ekwipaġġi ċivili tal-ajru u tat-tbaħħir. Minn meta l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein maż-żona Schengen saret effettiva fit-13 ta' Diċembru 2008 u fis-7 ta' Marzu 2011 rispettivament, permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal viżas ta' Schengen għal tranżitu jew soġġorn qasir.

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("Kodiċi dwar il-Viżi") japplika għall-ħruġ kollu mhux kopert mill-Ftehim, bħalma huma d-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' Schengen responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal viża, il-motivazzjoni għar-rifjut li tinħareġ viża, id-dritt ta' appell kontra deċiżjoni negattiva u r-regola ġenerali ta' intervista personali mal-applikant għal viża. Barra hekk, ir-regoli ta' Schengen, u fejn ikun xieraq, il-liġi nazzjonali jibqgħu japplikaw fil-kwistjonijiet kollha mhux koperti mill-Ftehim, bħar-rifjut tar-rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, evidenza ta' mezzi ta' għajxien suffiċjenti, ir-rifjut tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri u miżuri ta' espulsjoni. F'dak ir-rigward, huwa meħtieġ li tingħata informazzjoni preċiża dwar dawn il-kwistjonijiet ([3]).

Anki jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-Ftehim ikunu ssodisfati, pereżempju, tingħata prova b'dokumenti ġustifikattivi mill-applikant għal viżarigward l-iskop tal-vjaġġ għall-kategoriji previsti fl-Artikolu 4 tiegħu, il-ħruġ tal-viża jista' xorta jiġi rifjutat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen") ma jiġux issodisfati, jiġifieri l-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha dokument validu tal-ivvjaġġar, ikun inħareġ allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-persuna titqies bħala ta' periklu għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, eċċ.

Flessibbiltajiet oħra għall-ħruġ ta' viżi previsti mill-Kodiċi dwar il-Viżi jkomplu japplikaw. Pereżempju, viżi għal dħul multiplu għal perjodu ta' validità twil — sa ħames snin — jistgħu jinħarġu lil kategoriji ta' persuni apparti dawk imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 24 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiġu ssodifati. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 16(5) u (6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li jippermettu eżenzjoni jew tnaqqis tat-tariffa tal-viża se jkomplu japplikaw.

1.3. Tipi ta' viżi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim

Il-punt (d) tal-Artikolu 3 (d) tal-Ftehim jiddefinixxi "viża" bħala "awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru bil-ħsieb ta' tranżitu mit-territorju ta' Stati Membri jew soġġorn previst fih għal mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum mid-data tal-ewwel dħul fit-territorju tal-Istati Membri;".

Il-faċilitazzjonijiet previsti mill-Ftehim japplikaw kemm għal viżi uniformi kif ukoll għal viżi b'validità territorjali limitata maħruġa għall-fini ta' tranżitu jew soġġorn qasir.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dak ir-rekwiżit, (ĠU L 81 21.3.2001, p. 1).
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).
([3]) Ara wkoll il-punt 1.7.
([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

1.4. Kalkolu tat-tul tas-soġġorn awtorizzat b'viża u b'mod partikolari l-kwistjoni dwar kif jiġi determinat il-perjodu ta' sitt xhur

Ir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) iddefinixxa mill-ġdid il-kunċett ta' soġġorn qasir. Id-definizzjoni preżenti ta' soġġorn qasir taqra kif ġej: "mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, li jinkludi li jitqies il-perjodu ta' 180 jum li jippreċedi kull jum ta' soġġorn". Din id-definizzjoni daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Ottubru 2013 u tinsab fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Il-jum tad-dħul jiġi kkalkulat bħala l-ewwel jum tas-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri u l-jum tal-ħruġ jiġi kkalkulat bħala l-aħħar jum tas-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri. Il-kunċett ta' "kwalunkwe" jimplika l-applikazzjoni ta' perjodu ta' referenza "mobbli" ta' 180 jum, f'kull ġurnata tas-soġġorn b'ħarsa lura għall-aħħar perjodu ta' 180 jum, sabiex jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżit ta' 90/180 jum jibqgħax jiġi ssodisfat. Dak ifisser li assenza għal perjodu mhux interrott ta' 90 jum tippermetti li jkun hemm soġġorn ġdid ta' mhux aktar minn 90 jum.

Eżempju tal-kalkolu tas-soġġorn fuq il-bażi tad-definizzjoni attwali:

Persuna li jkollha viża għal dħul multiplu, valida għal sena (1) (18.4.2010 — 18.4.2011) tidħol għall-ewwel darba fid-19.4.2010 u toqgħod hemm tliet ijiem. Imbagħad dik il-persuna tidħol mill-ġdid fit-18.6.2010 u toqgħod hemm 86 jum. X'inhi s-sitwazzjoni f'dati speċifiċi? Din il-persuna meta se titħalla tidħol mill-ġdid?

Fil-11.9.2010: tul l-aħħar 180 jum (16.3.2010 — 11.9.2010) il-persuna kienet qagħdet hemm tliet ijiem (19.4.2010 — 21.4.2010) flimkien ma' 86 jum (18.6.2010 — 11.9.2010) = 89 jum = mhux każ ta' soġġorn b'awtorizzazzjoni skaduta. Il-persuna tista' tibqa' għal massimu ta' ġurnata oħra.

Mis-16.10.2010: il-persuna tista' tidħol għal soġġorn ta' tliet ijiem addizzjonali (fis-16.10.2010 is-soġġorn fid-19.4.2010 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta' 180 jum); fis-17.10.2010 is-soġġorn fl-20.4.2010 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta' 180 jum; eċċ.)).

Mill-15.12.2010: il-persuna tista' tidħol għal soġġorn ta' 86 jum addizzjonali (fil-15.12.2010 is-soġġorn fit-18.6.2010 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta' 180 jum); fis-16.12.2010 is-soġġorn fid-19.6.2010 isir irrilevanti, eċċ.).

1.5. Sitwazzjoni rigward l-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u fl-2007 mingħajr ma kienu għadhom ġew integrati għalkollox fiż-żona Schengen, l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-politika komuni tal-Unjoni dwar il-viżi u l-pajjiżi assoċjati

Huma biss il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija, li għadhom mhux qed jimplimentaw għalkollox l-*acquis* ta' Schengen. Dawn se jkomplu joħorġu viżi nazzjonali b'validità limitata għat-territorju nazzjonali tagħhom stess. Ladarba dawk l-Istati Membri jimplimentaw għalkollox l-*acquis* ta' Schengen, huma se jkomplu japplikaw il-Ftehim.

Il-liġi nazzjonali tibqa' tapplika għall-kwistjonijiet kollha mhux koperti mill-Ftehim sad-data tal-implimentazzjoni totali tal-*acquis* ta' Schengen minn dawk l-Istati Membri. Minn dik id-data, ir-regoli ta' Schengen u/jew il-liġi nazzjonali għandha tapplika għal kwistjonijiet mhux koperti mill-Ftehim.

Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma awtorizzati li jirrikonoxxu l-permessi ta' residenza, il-viżi D u l-viżi għal soġġorn qasir maħruġa mill-Istati Membri ta' Schengen u l-pajjiżi assoċjati għal soġġorn qasir fit-territorju tagħhom ([2]).

([1]) Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naha għal oħra tal- fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 u Nru 539/2001, u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 1).

([2]) Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 23).

Skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ([1]), l-Istati Membri ta' Schengen kollha huma obbligati li jirrikonoxxu viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza maħruġa minn xulxin bħala validi għal soġġorni qosra fit-territorji ta' xulxin. L-Istati Membri ta' Schengen jaċċettaw il-permessi ta' residenza, il-viżi D u l-viżi għal żjarat qosra ta' pajjiżi assoċjati għal dħul u soġġorni qosra u viċi versa.

Il-Ftehim ma japplikax għad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit iżda jinkludi dikjarazzjonijiet konġunti dwar kemm ikun xieraq li dawk l-Istati Membri jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-viżi mal-Ġeorġja.

Għalkemm assoċjati ma' Schengen, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera mhumiex koperti mill-Ftehim.

1.6. Il-Ftehim u ftehimiet bilaterali

L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprevedi li

"Mid-dħul tiegħu fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jieħu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehimiet bilaterali jew multilaterali jew arranġamenti konklużi bejn l-Istati Membri individwali u l-Ġeorġja, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet li huma indirizzati mill-Ftehim preżenti.".

Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet bilaterali fis-seħħ bejn l-Istati Membri u l-Ġeorġja dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim ma jibqgħux japplikaw. F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jeliminaw l-inkompatibilitajiet bejn il-ftehimiet bilaterali tagħhom u l-Ftehim.

F'każ li xi Stat Membru jkun ikkonkluda ftehim bilaterali jew arranġament mal-Ġeorġja dwar kwistjonijiet mhux koperti mill-Ftehim, pereżempju billi jipprevedi l-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għal detenturi ta' passaporti ta' servizz, dik l-eżenzjoni tkompli tapplika wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

L-Istati Membri li ġejjin għandhom ftehimiet bilaterali mal-Ġeorġja li jipprevdu eżenzjoni mill-obbligu tal-viża għal detenturi ta' passaporti ta' servizz: il-Bulgarija, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

L-eżenzjoni mill-viża għad-detenturi ta' passaporti ta' servizz konċessi minn Stat Membru tapplika biss għall-ivvjaġġar fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u mhux għall-ivvjaġġar lejn Stati Membri oħra ta' Schengen.

1.7. Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-armonizzazzjoni ta' informazzjoni dwar proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir u dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati meta ssir l-applikazzjoni għal viżi għal soġġorn qasir

Dikjarazzjoni Konġunta ġiet annessa mal-Ftehim li jirreferi għall-impenn tal-Partijiet biex jipprovdu informazzjoni koerenti u uniformi liċ-ċittadini tal-Ġeorġja dwar l-aċċess għal missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri u dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni għal viżi u dwar il-validità tal-viżi maħruġa. Dik l-informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Ġeorġja: http://www.eeas.europa.eu/delegations/georgia/travel_eu/visa/index_en.htm.

L-Artikolu 47 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jistabbilixxi l-obbligu tal-awtoritajiet ċentrali u l-konsulati tal-Istati Membri li jipprovdu lill-pubbliku ġenerali l-informazzjoni rilevanti kollha rigward l-applikazzjoni għal viża.

Il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari huma mitluba biex ixerrdu b'mod wiesa' din l-informazzjoni (fuq it-tabelli ta' informazzjoni, f'fuljetti, fuq siti elettroniċi, eċċ.) u li jxerrdu wkoll informazzjoni preċiża dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi, ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri fil-Ġeorġja u l-lista armonizzata tal-UE ta' dokumentazzjoni ġustifikattiva meħtieġa.

([1]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

1.8. Informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Ġeorġja dwar il-Ftehim

Sabiex tingħata informzzjoni korretta liċ-ċittadini tal-Ġeorġja dwar il-vantaġġi tal-Ftehim u dwar il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri fejn l-applikazzjonijiet għal viża jistgħu jiġu ppreżentati, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Ġeorġja ħoloq ħolqa speċjali fejn dik l-informazzjoni hija disponibbli. L-indirizz tas-sit web:

http://mfa.gov.ge/index.php?lang_id=GEO&sec_id=95&info_id=13448

II. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

2.1. Regoli li japplikaw għall-applikanti kollha għal viża

Ta' min ifakkar li l-faċilitazzjonijiet imsemmija hawn taħt rigward it-tariffa tal-viża, it-tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża u l-estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi eċċezzjonali japplikaw għall-applikanti kollha għal viża, inkluż it-turisti.

2.1.1. Tariffa tal-viża

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. It-tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ta' ċittadini tal-Ġeorġja tammonta għal EUR 35.".

Skont l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim, it-tariffa għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-viża hija ta' EUR 35. Dik it-tariffa tapplika għall-applikanti kollha mill-Ġeorġja għal viża (inkluż it-turisti) u tirrigwarda viżi għal soġġorni qosra, irrispettivament min-numru ta' dħul.

L-Artikolu 6(2) tal-Ftehim jipprevedi li:

"2. Meta l-Istati Membri jikkooperaw ma' fornitur estern ta' servizz, jista' jintalab ħlas għas-servizz addizzjonali. It-tariffa għas-servizz għandha tkun proporzjonat mal-ispejjeż li jġarrab il-fornitur estern ta' servizz meta jkun qed iwettaq il-kompiti tiegħu u m'għandhiex taqbeż EUR 30. L-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandu/għandhom iżommu l-possibbiltà għall-applikanti kollha li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament fil-konsulati tiegħu/tagħhom.".

Rigward il-modalitajiet ta' kooperazzjoni ma' fornituri tas-servizzi esterni, l-Artikolu 43 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kompiti tagħhom.

L-Artikolu 6(3) tal-Ftehim jipprevedi li:

"3. It-tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża jitneħħew għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini:

(a) pensjonanti;" (N.B. Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għal viża għandhom jippreżentaw evidenza li turi l-istatus tagħhom ta' pensjonant. L-eżenzjoni mit-tariffa mhijiex ġustifikata f'każijiet fejn l-għan tal-vjaġġ huwa attività bi ħlas.);

"(b) tfal taħt l-età ta' 12-il sena;" (N.B. sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għal viża jridu jġibu provi tal-età tagħhom.);

"(c) il-membri ta' gvernijiet nazzjonali u reġjonali u tal-qrati Kostituzzjonali u Supremi, jekk ma jkunux eżentati mir-rekwiżit tal-viża b'dan il-Ftehim;" (N.B. sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għal viża jridu jġibu provi mingħand l-awtoritajiet tal-Ġeorġja li juru l-pożizzjoni tagħhom.);

"(d) persuni b'diżabilità u l-persuni li jakkumpanjawhom, jekk meħtieġ"; (N.B. sabiex ikunu jistgħu igawdu mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, trid tinġieb evidenza li turi li ż-żewġ applikanti għal viża jaqgħu taħt din il-kategorija.).

Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għal viża jridu jġibu "ċertifikat ta' Diżabilità tal-Ġeorġja" (tal-ewwel jew it-tieni grad) maħruġ mill-Ministeru tas-Saħħa, ix-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jew ċertifikat maħruġ minn sptarijiet jew kliniki pubbliċi jew privati. F'każijiet fejn id-diżabbiltà tal-applikanti għal viża hi ovvja (persuni għomja, b'sieq nieqsa), ir-rikonoxximent viżwali fis-servizz konsulari huwa aċċettabbli. Fil-prinċipju, l-ebda dokumenti addizzjonali m'huma meħtieġa minn persuni li jakkumpanjaw.

F'każijiet ġustifikati l-applikazzjoni għal viża tista' tiġi ppreżentata minn rappreżentant jew tutur tal-persuna b'diżabbiltà.

"(e) qraba mill-viċin — konjuġi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet jew neputijiet — li jkunu qed iżuru ċittadini tal-Ġeorġja legalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru;".

Il-punt (e) tal-Artikolu 6(3) tal-Ftehim jirregola s-sitwazzjoni ta' qraba mill-viċin mill-Ġeorġja li jkunu qed jivvjaġġaw lejn l-Istati Membri biex iżuru ċittadini tal-Ġeorġja legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri.

"(f) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Ġeorġja, ikunu se jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti organizzati fit-territorju tal-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi;

(g) tfal tal-iskola, studenti, studenti gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inklużi programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola;

(h) ġurnalisti u persuni akkreditati li jkunu qed jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;" (N.B. sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għal viża jridu jġibu provi li huma membri ta' organizzazzjoni professjonali ġurnalistika jew tal-media.);

"(i) parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali tal-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;" (N.B Sostenituri m'għandhomx jitqiesu bħala persuni li jkunu qed jakkumpanjaw.);

"(j) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-iskopijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' skambju:

(k) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali jew artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħrajn ta' skambju;

(l) persuni li jkunu ppreżentaw dokumenti li jippruvaw il-ħtieġa li jivvjaġġaw għal raġunijiet umanitarji, inkluż biex jirċievu trattament mediku urġenti u l-persuna li takkumpanjahom, jew li jattendu funeral ta' qarib mill-viċin jew biex iżuru qarib mill-viċin li għandu mard serju.".

Tingħata eżenzjoni mit-tariffa lill-kategoriji ta' persuni msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, it-tariffa tkun ukoll eżentata skont l-Artikolu 16(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Kif iddikjarat fl-Artikolu 16(6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi "f'każijiet individwali, l-ammont tat-tariffa tal-viża li għandha tiġi imposta tista' tiġi eżentata jew imnaqqsa meta dan isir biex jippromwovi interessi kulturali jew sportivi kif ukoll interessi fil-qasam tal-politika estera, il-politika tal-iżvilupp u oqsma oħrajn ta' interess pubbliku vitali jew għal raġunijiet umanitarji.".

L-Artikolu 16(7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jippreevi li t-tariffa tal-viża għandha tiġi imposta f'euro, fil-munita nazzjonali tal-pajjiż terz jew fil-munita li normalment tintuża fil-pajjiż terz fejn qiegħda tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, u għandha tkun mingħajr il-possibbiltà ta' rifużjoni minbarra fil-każ ta' applikazzjoni inammissibbli jew jekk il-konsulat mhuwiex kompetenti.

Meta t-tariffa tkun imposta f'valuta li mhijiex l-euro, l-ammont tat-tariffa tal-viża impost f'dik il-valuta għandu jkun determinat u rivedut b'mod regolari bl-applikazzjoni tar-rata tal-kambju ta' referenza esterna tal-euro stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew. L-ammont impost jista' jiġi arrodontit u l-konsulati għandhom jiżguraw li jiġu imposti tariffi simili skont arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali ta' Schengen.

Sabiex jiġu evitati diskrepanzi li jistgħu jwasslu għal visa shopping, il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri fil-Ġeorġja għandhom jiżguraw l-istess tariffi tal-viża għal applikanti kollha għal viża tal-Ġeorġja meta l-ammont tat-tariffa tal-viża jkun impost f'munita barranija.

L-applikanti għal viża tal-Ġeorġja jingħataw riċevuta għat-tariffa tal-viża mħallsa skont l-Artikolu 16(8) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

2.1.2. Tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża

L-Artikolu 7 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Missjonijiet diplomatiċi u servizzi konsulari tal-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni fuq it-talba li tinħareġ viża fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-viża.

2. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jkun estiż sa 30 jum kalendarju f'każijiet individwali, notevolment meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju tal-applikazzjoni.

3. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jitnaqqas għal jumejn (2) jew inqas f'każijiet urġenti.".

Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-viża tittieħed, bħala prinċipju, fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni għal viża li hi ammissibbli.

Dak il-perjodu jista' jkun estiż sa 30 jum kalendarju meta jkun hemm bżonn ta' aktar skrutinju, pereżempju għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet ċentrali.

Dawk l-iskadenzi kollha jibdew jiddekorru biss meta jitlesta l-fajl tal-applikazzjoni għal viża, jiġifieri mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni għall-viża flimkien mad-dokumenti ġustifikattivi.

Fil-każ ta' missjonijiet diplomatiċi u servizzi konsulari tal-Istati Membri li jkollhom sistema ta' appuntamenti, il-perjodu ta' żmien biex jinkiseb appuntament ma jingħaddx bħala parti miż-żmien tal-ipproċessar. Ir-regoli ġenerali stipulati fl-Artikolu 9 tal-Kodiċi dwar il-Viżi huma applikabbli għal din il-kwistjoni kif ukoll għall-modalitajiet prattiċi għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal viża. B'mod partikolari, meta jkun meħtieġ appuntament għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal viża, bħala regola, dan għandu jsir fi żmien ġimagħtejn mid-data meta jkun intalab l-appuntament.

Meta jiġi stabbilit l-appuntament, għandha titqies l-urġenza possibbli mitluba mill-applikant għal viża. Id-deċiżjoni dwar perjodu mnaqqas għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża kif definit fl-Artikolu 7(3) tal-Ftehim tittieħed mill-uffiċjal konsolari.

Konformement mal-Manwal għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet tal-viża u l-modifiki fuq viżi maħruġa (Parti 2, punt 3.2.2), il-kapaċità tal-konsolati tal-Istati Membri fil-Ġeorġja li jipproċessaw l-applikazzjonijiet tal-viża għandha tkun adattata sabiex tirrispetta l-iskadenza ta' ġimagħtejn għal appuntament prevista fil-Kodiċi dwar il-Viżi, inkluż matul l-eqqel staġunijiet.

F'każijiet ġustifikati ta' urġenza (fejn ma setgħatx issir applikazzjoni għall-viża aktar kmieni għal raġunijiet li ma setgħux jiġu previsti mill-applikant għall-viża), appuntament (skont l-Artikolu 9(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi) għandu jingħata minnufih jew għandu jiġi permess aċċess dirett għall-ippreżentar tal-applikazzjoni.

Barra hekk, il-konsolat jista' jiddeċiedi li jistabilixxi proċedura ta' "azzjoni rapida" għall-ippreżentar tal-applikazzjonijiet għal viża sabiex jirċievi ċerti kategoriji ta' applikanti għal viża.

2.1.3. Estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi eċċezzjonali

L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprevedi li:

"Il-perjodu ta' validità u/jew it-tul tas-soġġorn ta' viża maħruġa ta' ċittadin tal-Ġeorġja għandhom jiġu estiżi fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tqis li d-detentur tal-viża jkun ipprovda prova ta' force majeure jew raġunijiet umanitarji li ma ħallewhx jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' validità jew tad-durata tas-soġġorn awtorizzat mill-viża. Din l-estensjoni għandha tingħata mingħajr ħlas.".

Rigward il-possibbiltà ta' estensjoni tal-validità tal-viża f'każijiet ta' raġunijiet personali ġustifikati, fejn id-detentur tal-viża ma jkollux il-possibbiltà li jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru sad-data indikat fuq l-istiker tal-viża, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandhom japplikaw sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-Ftehim. Madankollu, taħt il-Ftehim l-estensjoni tal-viża issir f'każ ta' *force majeure* jew raġunijiet umanitarji.

2.2. Regoli ġodda li japplikaw għal ċerti kategoriji ta' applikanti għal viża

2.2.1. Provi dokumentati dwar l-għan tal-vjaġġ

Għall-kategoriji kollha tal-persuni elenkati fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim, tkun meħtieġa biss l-evidenza dokumentarja indikata li tagħti prova tal-għan tal-vjaġġ. Kif iddikjarat fl-Artikolu 4(3) tal-Ftehim, l-ebda ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra li tikkonċerna l-għan tal-vjaġġ ma tkun meħtieġa. Madankollu, dan ma jfissirx eżenzjoni mir-rekwiżit ġenerali li persuna għandha tissottometti personalment l-applikazzjoni tal-viża u d-dokumenti ta' prova rigward il-mezzi ta' sussistenza, li jibqa' mhux affettwat.

Jekk f'każijiet individwali jkun għad fadal xi dubji rigward l-awtentiċità tad-dokument li juri l-għan reali tal-vjaġġ, l-applikant għal viża għandu jissejjaħ għal intervista fil-fond addizzjonali fl-ambaxxata/fil-konsolat fejn dak l-applikant jista' jiġi mistoqsi dwar l-iskop effettiv taż-żjara jew dwar l-intenzjoni tal-applikant li jirritorna (skont l-Artikolu 21(8) tal-Kodiċi dwar il-Viżi). F'każijiet individwali bħal dawn, jistgħu jiġu provduti dokumenti addizzjonali mill-applikant għal viża jew jistgħu jintalbu b'mod eċċezzjonali mill-uffiċjal konsulari. Il-Kumitat Konġunt se jmmonitorja mill-qrib dik il-kwistjoni.

Għall-kategoriji ta' persuni mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim (pereżempju turisti), ir-regoli ġenerali rigward dokumentazzjoni li sservi ta' prova tal-għan tal-vjaġġ ikomplu japplikaw. L-istess japplika għal dokumenti rigward il-kunsens tal-ġenituri għall-ivvjaġġar ta' tfal taħt it-18-il sena.

Ir-regoli ta' Schengen u l-liġi nazzjonali għandhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mill-Ftehim, bħal rikonoxximent ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-garanziji dwar ir-ritorn u l-mezzi suffiċjenti ta' sussistenza.

Fil-prinċipju, it-talba, ċertifikat, dokument jew ittra oriġinali meħtieġ mill-Artikolu 4(1) tal-Ftehim jiġu sottomessi mal-applikazzjoni għall-viża. Madankollu, il-konsulat jista' jibda l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża b'facsimile jew kopji tat-talba, ċertifikat, dokument jew ittra. Madankollu, il-konsulat jista' jitlob id-dokument oriġinali fil-każ tal-ewwel applikazzjoni għal viża u se jitolbuh f'każijiet individwali fejn ikun hemm dubji.

L-Artikolu 4(1) tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Għall-kategoriji li ġejjin ta' ċittadini tal-Ġeorġja, id-dokumenti li ġejjin huma biżżejjed sabiex jiġġustifikaw l-għan tal-vjaġġ lejn il-Parti l-oħra:

(a) għal qraba mill-viċin — konjuġi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u neputijiet — li jkunu qed iżuru ċittadini tal-Ġeorġja legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri:

— talba bil-miktub mill-persuna ospitanti;".

Il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tal-Ftehim jirregola s-sitwazzjoni ta' qraba mill-viċin mill-Ġeorġja li jkunu qed jivvjaġġaw lejn l-Istati Membri biex iżuru ċittadini tal-Ġeorġja legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri. Din il-faċilitazzjoni ma tapplikax għaċ-ċċittadini tal-Unjoni li jgħixu fl-Unjoni li jistiednu lil qraba mill-Ġeorġja.

L-awtentiċità tal-firma tal-persuna li tagħmel l-istedina trid tkun iċċertifikata mill-awtorità kompetenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza.

Huwa wkoll meħtieġ li tingħata prova tar-residenza legali tal-persuna li tagħmel l-istedina u anke tar-rabta familjari; pereżempju billi, flimkien mat-talba bil-miktub mill-persuna li tospita, jiġu pprovduti kopji ta' dokumenti li jispjegaw l-istatus ta' dik il-persuna, bħal fotokopja tal-permess tar-residenza, u dokument li jikkonfermaw ir-rabtiet familjari.

Dik id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal qraba ta' persunal li jaħdmu f'missjonijiet diplomatiċi u konsulati li jivvjaġġaw għal żjara lill-familja ta' mhux aktar minn 90 jum fit-territorju tal-Istati Membri minbarra l-ħtieġa li tinġieb prova ta' residenza legali u tar-rabtiet familjari.

"(b) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali lill-Ġeorġja, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju tal-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

— ittra maħruġa minn awtorità tal-Ġeorġja li tikkonferma li l-applikant hu membru tad-delegazzjoni tagħha li qed jivvjaġġa lejn it-territorju tal-Istati Membri- sabiex jipparteċipa fl-avvenimenti msemmija qabel, akkumpanjata b'kopja tal-istedina uffiċċjali;".

Isem l-applikant għal viża irid ikun indikat fl-ittra maħruġa mill-awtorità kompetenti li tikkonferma li l-persuna tkun parti mid-delegazzjoni li qed tivvjaġġa lejn it-territorju tal-Parti l-oħra biex tipparteċipa f'laqgħa uffiċjali. Isem l-applikant għal viża m'għandux neċessarjament jiġi indikat ukoll fl-istedina uffiċjali biex jieħu sehem fil-laqgħa, għalkemm dan jista' jkun neċessarju meta l-istedina uffiċjali tkun indirizzata lil persuna speċifika.

Dik id-dispożizzjoni tapplika għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali irrispettivament mit-tip ta' passaport (passaport ta' servizz jew ordinarju) li jkollhom.

"(c) għal tfal tal-iskola, studenti, persuni gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola:

— talba bil-miktub jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mill-università, kulleġġ jew skola ospitanti, jew karti tal-istudenti jew ċertifikati tal-korsijiet li ser jattendu għalihom;".

Il-karti tal-istudenti jistgħu jiġu aċċettati biss bħala ġustifikazzjoni tal-iskop ta' vjaġġ meta jkunu maħruġa mill-università, kulleġġ jew skola ospitanti fejn ikun se jseħħ l-istudju jew it-taħriġ edukattiv.

"(d) għal persuni li jivjaġġaw għal raġunijiet mediċi u persuni neċessarji biex jakkumpanjawhom:

— dokument uffiċjali tal-istituzzjoni medika li jikkonferma l-ħtieġa ta' kura medika f'din l-istituzzjoni, in-neċessità tal-akkompanjament, u evidenza ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti sabiex jithallas it-trattament mediku;".

Jinħtieġ li jiġi sottomess id-dokument mill-istituzzjoni medika li jikkonferma t-tliet elementi (il-ħtieġa ta' kura medika f'dik l-istituzzjoni, in-neċessità tal-akkompanjament u l-prova ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti sabiex jithallas it-trattament mediku).

"(e) għal ġurnalisti u persuni akkreditati li jkunu qed jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

— ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn organizzazzjoni professjonali li jagħti prova li l-persuna kkonċernata hija ġurnalist(a) kwalifikat(a) jew persuna li qed takkumpanjah(a) f'kapaċità professjonali u dokument maħruġ minn min iħaddmu/iħaddimha li jiddikjara li l-għan tal-vjaġġ huwa li j/twettaq xogħol ġurnalistiku, jew li j/tgħin f'xogħol bħal dak;".

Din il-kategorija ma tkoprix ġurnalisti li jkunu qed jaħdmu għal rashom u l-assistenti tagħhom.

Irid jiġi ppreżentat ċertifikat jew dokument ieħor li jipprova li l-applikant għal viża hu ġurnalist kwalifikat jew persuna akkreditata li takkumpanja f'kapaċità professjonali, u dokument maħruġ minn min iħaddem dik il-persuna li jgħid li l-għan tal-vjaġġ huwa li jitwettaq xogħol ġurnalistiku, jew li tingħata assistenza f'dak ix-xogħol.

Attwalment, ma hemm ebda assoċjazzjonijiet, ċentri, istituzzjonijiet, trade unions, jew organizzazzjonijiet oħrajn simili tal-midja professjonali eżistenti fil-Ġeorġja, li jirrappreżentaw l-interessi ta' grupp ta' ġurnalisti jew persuni akkreditati li jkunu qed jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali u li jistgħu joħorġu ċertifikat li jixhed li l-persuna hi ġurnalista professjonali jew persuna akkreditata li takkumpanjah f'kapaċità professjonali f'qasam speċifiku. Sakemm dawn l-organizzazzjonijiet jiġu stabbiliti, il-konsulati jistgħu jaċċettaw ċertifikat minn min iħaddem u akkreditazzjoni tal-istampa għal xi waħda mill-organizzazzjonijiet tal-Istati Membri.

"(f) għal parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

— talba bil-miktub mill-organizzazzjoni ospitanti, mill-awtoritajiet kompetenti, mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali jew mill-kumitati Olimpiċi nazzjonali tal-Istati Membri;".

Il-lista ta' persuni li jakkumpanjaw fil-każ ta' avvenimenti sportivi internazzjonali jkun limitat għal dawk li jakkumpanjaw lill-isportivi f'kapaċità professjonali: allenaturi, massaġġaturi, maniġers, persunal mediku u l-kap tal-klabb sportiv. Sostenituri m'għandhomx jitqiesu bħala persuni li jkunu qed jakkumpanjaw.

"(g) għal nies tan-negozju jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tan-negozju:

— talba bil-miktub mill-persuna ġuridika jew kumpanija, organizzazzjoni jew uffiċċju jew fergħa ospitanti ta' tali persuna ġuridika, jew kumpanija jew awtoritajiet statali jew lokali tal-Istati Membri jew kumitati organizzattivi jew wirjiet ta' kummerċ u industrija, konferenzi u simposji li jsiru fit-territorji tal-Istati Membri, approvata uffiċjalment mill-Kamra Statali ta' Reġistrazzjonijiet tal-Ġeorġja;".

L-Aġenzija Nazzjonali tar-Reġistru Pubbliku ser toħroġ dokument li jikkonferma l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet tan-negozju.

"(h) għall-membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili organizzati fit-territorju tal-Istati Membri:

— talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed topsita li tikkonferma li l-persuna kkonċernata qed tipparteċipa fl-avveniment;

(i) għar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' bdil:

— talba bil-miktub maħruġa mill-organizzazzjoni ospitanti, konferma li l-persuna qiegħda tirrappreżenta l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u ċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni bħal din mir-reġistru rilevanti maħruġ minn awtorità tal-Istat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;".

Għandu jiġi ppreżentat dokument mingħand l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li jikkonferma li l-applikant għal viża ikun qed jirrappreżenta din l-organizzazzjoni.

L-awtorità emittenti kompetenti tal-istat tal-Ġeorġja li qed joħroġ iċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili hija l-Aġenzija Nazzjonali tar-Reġistru Pubbliku.

Ir-Reġistru fejn iċ-ċertifikati dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma rreġistrati huwa l-Aġenzija Nazzjonali tar-Reġistru Pubbliku. Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Aġenzija Nazzjonali tar-Reġistru Pubbliku qed jaħdmu mal-awtoritajiet lokali dwar l-iżvilupp ta' bażi ta' dejta elettronika ta' NGOs li, meta titlesta, tkun disponibbli permezz tas-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja: https://enreg.reestri.gov.ge/main.php.

Membri tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhumiex koperti mill-Ftehim.

"(j) għal persuni li jkunu qed jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali jew artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħrajn ta' bdil:

— talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita biex jieħdu sehem ffl-attivitajiet;

(k) għal xufiera li jwasslu tagħbijiet internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji tal-Istati Membri f'vetturi reġistrati fil-Ġeorġja:

— talba bil-miktub mill-kumpanija nazzjonali jew mill-assoċjazzjoni ta' trasportaturi tal-Ġeorġja li tipprovdi trasport internazzjonali bit-triq, li tistqarr l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;".

Attwalment, fil-Ġeorġja hemm żewġ assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' kumpaniji tat-trasport tal-Ġeorġja kompetenti biex jipprovdu talba bil-miktub għal xufiera professjonali: l-Assoċjazzjoni tat-Trasportaturi bit-Triq Internazzjonali tal-Ġeorġja (GIRCA) u l-Assoċjazzjoni ta' Trasportaturi ta' Passiġġieri bit-Triq (GACPR). It-trasportaturi li mhumiex membri ta' dawk l-assoċjazzjonijiet jistgħu jippreżentaw talba maħruġa mill-Aġenzija ta' Trasport fuq l-Art, tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġeorġja. Fil-każ ta' kumpaniji magħrufa sew, il-konsulati jistgħu jaċċettaw talba bil-miktub mingħand trasportatur/kumpanija tat-trasport tal-Ġeorġja li timpjega lix-xufier. It-talba għandha tiddikjara l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi.

"(l) għal parteċipanti fil-programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati:

— talba bil-miktub mill-Kap tal-Amministrazzjoni/mis-Sindku ta' dawn l-ibliet jew awtoritajiet muniċipali;".

Il-Kap tal-Amministrazzjoni/is-Sindku tal-belt jew l-entità oħra tal-lokalità kompetenti li toħroġ talba bil-miktub ikun il-Kap tal-Amministrazzjoni/is-Sindku tal-belt ospitanti jew tal-lokalità fejn l-attività ta' ġemellaġġ tkun se sseħħ. Din il-kategorija tkopri biss ġemellaġġi uffiċjali.

"(m) għal żjarat f'ċimiterji militari u ċivili.

— dokument uffiċjali li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll tar-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-midfun.".

Il-Ftehim ma jispeċifikax jekk id-dokument uffiċjali msemmi hawn fuq għandux jinħareġ mill-awtoritajiet: tal-pajjiż fejn se jkun hemm il-post tad-difna jew inkella minn dak tal-pajjiż fejn tirresjedi l-persuna li tkun trid iżżur il-post tad-difna. Għandu jiġi aċċettat li l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ pajjiżi jistgħu joħorġu dokument uffiċjali bħal dan.

Irid jiġi ppreżentat id-dokument uffiċjali msemmi hawn fuq li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll tar-relazzjoni familjali jew ta' xort'oħra bejn l-applikant għal viża u l-persuna midfuna.

Dan il-Ftehim ma joħloq l-ebda regoli ġodda ta' responsabbiltà għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li joħorġu t-talbiet bil-miktub. Il-liġi tal-Unjoni u/jew nazzjonali rispettiva tapplika fil-każ ta' ħruġ falz ta' talbiet bħal dawn.

2.2.2. Ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu

F'każijiet fejn l-applikant għal viża jeħtieġ li jivvjaġġa sikwit jew regolarment fit-territorju tal-Istati Membri, jinħarġu viżi għal soġġorn qasir għal diversi soġġorni, sakemm it-tul totali ta' dawk iż-żjarat ma jaqbiżx id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum.

L-Artikolu 5 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi għal dħul multiplu bit-terminu ta' validità ta' ħames (5) snin għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini:

(a) konjuġi, tfal (inklużi dawk adottati) li jkunu taħt l-età ta' 21 jew ikunu dipendenti, jew ġenituri li jkunu qed iżuru ċittadini tal-Ġeorġja li jkunu legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri bit-terminu ta' validità limitat għat-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni tagħhom għal residenza legali;

(b) membri ta' gvernijiet nazzjonali u reġjonali u ta' qrati Kostituzzjonali u Supremi jekk ma jkunux eżentati mir-rekwiżit tal-viża permezz ta' dan il-Ftehim, fil-qadi ta' dmirijiethom, b'perjodu ta' validità limitat għall-mandat tagħhom jekk dan ikun ta' inqas minn ħames (5) snin;

(c) membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Ġeorġja, għandhom jipparteċipaw regolarment f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti organizzati fit-territorju tal-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi;".

Filwaqt li jitqies l-istatus professjonali ta' dawk il-kategoriji ta' persuni, jew ir-relazzjoni familjali tagħhom ma' ċittadin tal-Ġeorġja li jkun legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri, huwa ġustifikat li jingħataw viża għal dħul multiplu b'terminu ta' validità sa massimu ta' ħames snin, jew limitata għat-terminu tal-kariga jew għar-residenza legali tagħhom jekk dan ikun ta' inqas minn ħames snin.

Persuni li jaqgħu taħt il-punt (a) tal-Artikolu 5(1), iridu jippreżentaw prova fir-rigward tar-residenza legali tal-persuna li toħroġ l-istedina.

Fir-rigward ta' persuni li jaqgħu taħt il-punt (b) tal-Artikolu 5(1), għandha tingħata konferma rigward l-istatus professjonali tagħhom u t-tul tat-terminu tal-kariga tagħhom.

Dik id-dispożizzjoni ma tapplikax għal persuni li jaqgħu taħt il-punt (b) tal-Artikolu 5(1) jekk dawn ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' viża mill-Ftehim, jiġifieri jekk huma detenturi ta' passaport diplomatiku.

Persuni li jaqgħu taħt il-punt (c) tal-Artikolu 5(1) iridu jippreżentaw prova rigward l-istatus permanenti tagħhom bħala membri tad-delegazzjoni uffiċjali u tal-ħtieġa li jipparteċipaw b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju.

"2. Missjonijiet diplomatiċi u servizzi konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi ta' dħul multiplu b'terminu ta' validità sa massimu ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, ikunu użawha skont il-liġijiet ta' dħul u soġġorn fit-territorju tal-Istat Membru li jkunu żaru u jekk ikun hemm raġunijiet għall-ħtieġa ta' viża ta' dħul multiplu:

(a) Membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali, għandhom jipparteċipaw b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju tal-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi;

(b) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(c) Membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

(d) persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali jew artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' bdil, li jivvjaġġaw regolarment lejn l-Istati Membri;

(e) studenti u persuni gradwati li jivvjaġġaw regolarment għall-għanijiet ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' bdil;

(f) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati jew awtoritajiet muniċipali;

(g) persuni li jeħtieġu li jżuru regolarment għal raġunijiet mediċi u l-persuni meħtieġa li jakkumpanjawhom;

(h) ġurnalisti u persuni akkreditati li jkunu qed jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(i) nies fin-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju li jivvjaġġaw regolarment lejn l-Istati Membri;

(j) parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali tal-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(k) xufiera li jwasslu merkanzija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji tal-Istati Membri f'vetturi reġistrati fil-Ġeorġja.

3. Il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi għal dħul ta' aktar minn darba bit-terminu ta' validità ta' minimu ta' sentejn (2) u massimu ta' ħames (5) snin għall-kategoriji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bil-kondizzjoni li fis-sentejn (2) ta' qabel ikunu użaw il-viżi ta' dħul multiplu ta' sena (1) skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istat Membru li żaru u li r-raġunijiet għall-ħtieġa ta' viża għal dħul multiplu jkunu għadhom validi.

4. Il-perjodu totali tas-soġġorn tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux ikun itwal minn 90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum fit-territorju tal-Istati Membri."

Fil-prinċipju, viżi għal dħul multiplu validi għal sena jinħarġu lill-kategoriji ta' applikanti għal viża msemmija hawn fuq jekk matul is-sena ta' qabel (12-il xahar) l-applikant għal viża jkun kiseb tal-anqas viża waħda u jkun għamel użu minnha skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorn fit-territorju jew territorji tal-Istat jew Stati Membri li jkun żar (pereżempju, il-persuna ma tkunx baqgħet aktar milli kien imissha) u hekk ikun hemm raġunijiet biex tintalab viza għal dħul multiplu. F'każijiet fejn ma jkunx ġustifikat li tinħareġ viża valida għal sena, pereżempju jekk it-tul tal-programm ta' skambju jkun ta' inqas minn sena jew il-persuna ma jkollhiex bżonn li tivvjaġġa għal sena sħiħa, il-validità tal-viża tkun ta' anqas minn sena, sakemm ir-rekwiżiti l-oħra għall-ħruġ tal-viża jkunu ssodisfati.

Viżi għal dħul multiplu b'validità minn sentejn sa ħames snin jinħarġu għall-kategoriji ta' applikanti għal viża msemmija fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, sakemm matul is-sentejn ta' qabel (24 xahar) ikunu użaw il-viżi ta' sena għal dħul multiplu skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorn fit-territorju jew territorji tal-Istat jew Stati Membri li jkunu żaru u sakemm ir-raġunijiet għat-talba ta' viża għal dħul multiplu jkunu għadhom validi. Għandu jiġi nnutat li viża b'validità minn sentejn sa ħames snin tinħareġ biss jekk l-applikant għal viża jkun ingħata żewġ viżi validi għal mill-inqas sena matul is-sentejn preċedenti, u jekk dik il-persuna tkun użat dawk il-viżi skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorn fit-territorju jew territorji tal-Istat jew Stati Membri li tkun żaret. Il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri jiddeċiedu, abbażi tal-valutazzjoni ta' kull applikazzjoni għal viża, il-perjodu ta' validità ta' dawk il-viżi, jiġifieri minn sentejn sa ħames snin.

Rigward id-definizzjoni tal-kriterji fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim: "sakemm … ikun hemm raġunijiet biex tintalab viża għal dħul multiplu", u l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim: "sakemm … ir-raġunijiet biex tintalab viża għal dħul multiplu jkunu għadhom validi", għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fil-Kodiċi dwar il-Viżi għall-ħruġ ta' viżi għal dħul doppju. Għaldaqstant, il-persuna trid tagħti prova tal-bżonn li tivvjaġġa b'mod frekwenti lejn Stat Membru wieħed, jew aktar, pereżempju għal finijiet ta' negozju.

Ma hemm l-ebda obbligu li tinħareġ viża għal dħul multiplu jekk l-applikant għal viża ma jkunx għamel użu minn viża preċedenti.

2.2.3. Detenturi ta' passaporti diplomatiċi

L-Artikolu 10 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Iċ-ċittadini tal-Ġeorġja li huma detenturi ta' passaporti diplomatiċi validi jistgħu jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, joħorġu minnhom jew jivvjaġġaw minn ġo fihom mingħajr viżi.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu joqogħdu fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu mhux itwal minn 90 jum ghal kull perjodu ta' 180 jum.".

Il-proċeduri rigward il-postazzjoni ta' diplomatiċi fl-Istati Membri mhumiex koperti bil-Ftehim. Tapplika l-proċedura ta' akkreditazzjoni normali.

III. KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIGURTÀ TAD-DOKUMENTI

F'Dikjarazzjoni Konġunta annessa mal-Ftehim il-Partijiet qablu li l-Kumitat Konġunt għandu jevalwa l-impatt tal-livell ta' sigurtà tad-dokumenti rispettivi tal-ivvjaġġar fuq il-funzjonament tal-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Partijiet qablu li jinformaw lil xulxin b'mod regolari dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġi evitat it-tifrix ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, billi jiġu żviluppati l-aspetti tekniċi tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll dwar il-proċess tal-personalizzazzjoni tal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

IV. STATISTIKA

Sabiex il-Kumitat Konġunt ikun jista' jimmonitorja b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-Ftehim, il-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tal-Istati Membri għandhom jissottomettu statistika lill-Kummissjoni kull sitt xhur li tispeċifika għal kull xahar, b'mod partikolari u fejn possibbli:

— in-numru ta' viżi għal dħul multiplu maħruġa;

— in-numru ta' viżi maħruġa mingħajr tariffi.

V. DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR IL-FAĊILITAZZJONIJIET GĦALL-MEMBRI TAL-FAMILJA

Minkejja li l-Ftehim ma jinkludix drittijiet u obbligi legalment vinkolanti li jiffaċilitaw il-moviment ta' numru ikbar ta' ċittadini tal-Ġeorġja li huma membri tal-familja taċ-ċittadini tal-Ġeorġja li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri, l-Unjoni tinnota s-suġġeriment tal-Ġeorġja li tingħata definizzjoni usa' tal-kunċett tal-membri tal-familja li għandhom jibbenefikaw minn faċilitazzjoni tal-viżi kif ukoll dwar l-importanza li l-Ġeorġja taghti lis-simplifikazzjoni tal-moviment ta' dik il-kategorija ta' persuni.

Għaldaqstant, sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità ta' numru estiż ta' persuni li għandhom konnessjonijiet famlijarji (b'mod partikolari l-aħwa u wliedhom) maċ-ċittadini tal-Ġeorġja li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri, f'Dikjarazzjoni annessa mal-Ftehim, l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet eżistenti fl-*acquis* għall-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi lil dik il-kategorija ta' persuni, inkluż, b'mod partikolari, is-simplifikazzjoni tal-evidenza dokumentarja mitluba mill-applikanti, l-eżenzjonijiet mit-tariffi tal-ipproċessar u, fejn xieraq, il-ħruġ ta' viżi ta' dħul multiplu.